# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 12 ta' Marzu, 2001**

**Numru**
**Avviz numru: 68/01mm**

**Untours Insurance Agents Ltd, ghall-Qatar Insurance Company, kif surrogati fid-drittijiet ta' Charles Saliba u l-istess Charles Saliba**

**vs**

**Emanuel Sciberras**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici nomine ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u erbatax-il lira Maltin u tlieta u sittin

centezmu (Lm414.63)  u lil Chales Saliba tmienja u erbghin lira Maltin (Lm48.00) - danni – minnhom subiti – in segwitu ghal incident stradali li gara Hal Qormi  fit-18 ta' Frar, 2000, bejn car numru GAQ 807 misjuqa mill-konvenut u il-car numru FBH 551 misjuqa minn Charles Saliba u assikurat b'polza "comprehensive" mill-Untours Insurance Agents, Ltd, noe - prevja dikjarazzjoni li l-konvenut kien responsabbli ghall-incident u danni minhabba mprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi Lm11.50 ta' l-ittra u konsult u bl-imghax minn notifika ta' l-Avviz u spejjez ohra ta' l-ittra ufficjali ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fl- 1 ta' Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.